



Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12987/18

LIMITE

TRANS 442
MAR 142

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 11958/1/18 REV 1

Suġġett: **Trasport bin-Navigazzjoni Interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nippromwovuh!**

– Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-eżitu tad-diskussjoni dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq li saret fid-9 ta' Ottubru 2018 fil-Grupp ta' Hídma dwar it-Trasport Marittimu.

Il-Presidenza beħsiebha tippreżenta dawn il-konklużjonijiet għall-adozzjoni fil-Kunsill TTE (Trasport) fit-3 ta' Diċembru 2018. Il-parentesi kwadri li fadal ser jiġu vverifikati u jitneħħew f'dak id-dokument.

ABBOZZ**TRASPORT BIN-NAVIGAZZJONI INTERNA – NARAW IL-POTENZJAL TIEGĦU U
NIPPROMWOVUH!**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fir-rwol ewlieni tal-passaġġi fuq l-ilma interni għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika dwar it-trasport fl-Unjoni, kif rikonoxxut fl-istrumenti ta' politika ewlenin kollha, inkluż dan li ġej:

- White Paper: Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti¹;
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi²;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima³;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għat-trasport⁴;
- **It-tielet pjanijiet ta' ħidma għall-koordinaturi Ewropej dwar il-kurituri tal-Atlantiku, il-Baltiku-Adrijatiku, il-Baħar tat-Tramuntana-Baltiku, il-Baħar Mediterran tat-Tramuntana, il-Mediterran, il-Mediterran tal-Lvant/tal-Punent, ir-Renu-Alpi u r-Renu-Danubju;**
- Rapport ta' progress ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni NAIADES II għall-promozzjoni tat-trasport bin-navigazzjoni interna (li jkopri l-perijodu 2014-2017);⁵ u
- Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar in-Navigazzjoni Diġitali fl-Ilmijiet Interni⁶.

¹ dok. 8333/11 + ADD 1-3
² dok. 11333/16 + ADD 1 + ADD 2
³ Kunsill Ewropew, 22.6.2017
⁴ dok. 15053/17
⁵ dok. 12350/18
⁶ dok. 12342/18

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tad-diskussjonijiet u **l-konklużjonijiet** f'kummissjonijiet tax-xmajjar, fora internazzjonali u fi ħdan is-settur bil-ħsieb li jiġi żviluppat u mtejjeb aktar it-trasport bin-navigazzjoni interna:

- Dikjarazzjonijiet ministerjali reġjonali fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti⁷, [fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu⁸ u tal-istati ta' max-xatt tad-Danubju⁹];
- [Dikjarazzjoni dwar l-industrija tan-navigazzjoni interna¹⁰].

FILWAQT LI JENFASIZZA li **jenħtieġ** [...] li t-trasport bin-navigazzjoni interna – fejn ġeografikament fattibbli – jikkontribwixxi **b'mod sostanzjali** għal sistema ta' trasport multimodali effiċjenti fl-Unjoni, iżda li attwalment mhux qed jintuża l-potenzjal sħiħ tiegħu. FILWAQT LI JFAKKAR f'dan il-kuntest il-potenzjal tat-trasport bin-navigazzjoni interna għall-konnessjoni tal-portijiet tal-baħar maż-żona interna u l-provvista ta' ċentri industrijali importanti u agglomerati urbani, **kif ukoll għat-trasport urban tal-passiġġeri**.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-kontribut sinifikanti li t-trasport bin-navigazzjoni interna jista' jkollu fit-tnaqqis tal-effetti negattivi tat-trasport, kemm billi t-trasport tal-merkanzija jiġi trasferit mit-toroq sabiex ikun possibbli użu aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija **u użu akbar ta' fjuwils alternattivi**, b'appoġġ għall-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, **kif ukoll** billi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' storbu, inċidenti u konġestjoni fuq it-toroq mingħajru l-użu ta' art addizzjonali.

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jirrikjedi li x-xmajjar, il-kanali u l-għadaġjar jinżammu f'kundizzjoni adegwata biex jinżamm stat ta' navigazzjoni tajjeb, filwaqt li jirrispettaw il-liġi ambjentali applikabbli. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest id-disponibbiltà ta' kapaċità libera fuq passiġġi fuq l-ilma interni bi spejjeż infrastrutturali relattivament baxxi.

⁷ Adottata fil-Konferenza Ministerjali Internazzjonali dwar it-Trasport bin-Navigazzjoni Interna - In-Navigazzjoni Interna f'Kuntest Globali (Wrocław, 18 ta' April 2018)

⁸ Adottata fil-kongress CCNR li mmarka l-150 anniversarju tal-iffirmar tal-Att ta' Mannheim (Mannheim, 17 ta' Ottubru 2018)

⁹ Adottata fil-Laqgħa tal-Ministri tad-Danubju (Brussell, 3 ta' Diċembru 2018)

¹⁰ Adottata fid-Danube Business Talks (Vjenna, 10 ta' Ottubru 2018) mill-EBU, ESO u PDI

FILWAQT LI JFAKKAR li bl-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397¹¹, id-Direttiva (UE) 2016/1629¹² u r-Regolament (UE) 2016/1628¹³, il-qafas legali ġie rivedut sabiex jistabbilixxi regoli armonizzati, jadatta d-dispożizzjonijiet għall-progress tekniku, jagħmel is-settur aktar attraenti b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u jippromwovi l-mobbiltà tal-ħaddiema.

FILWAQT LI JILQA' l-progress għal governanza Ewropea mtejba fin-navigazzjoni fuq l-ilma interni, b'mod partikolari l-ħolqien u t-tnedija b'suċċess tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards komuni fil-qasam tan-Navigazzjoni Interna (CESNI), bil-parteċipazzjoni attiva tal-Istati osservaturi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-kummissjonijiet tax-xmajjar, kif ukoll l-industrija.

FILWAQT LI JAGĦRAF ir-risultati pożittivi tal-miżuri li ttieħdu fil-qafas tal-programm NAIADES II li wasal biex jintemm fl-2020,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-diskussjoni dwar il-proposti dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport¹⁴ u dwar ir-reviżjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa¹⁵.

¹¹ Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE.

¹² Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE.

¹³ Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE.

¹⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

¹⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

- (1) JISSOTTOLINJA li jeħtieġu aktar azzjoni u appoġġ biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-trasport bin-navigazzjoni interna bħala sistema tat-trasport effiċjenti, sikura u sostenibbli u l-iżvilupp tal-prestazzjoni ambjentali tal-flotta waqt li jiġu ppreservati l-vantaġġi kompetittivi tat-trasport bin-navigazzjoni interna.
- (2) JISĦAQ dwar il-ħtieġa li jitnieda programm ta' segwitu għal NAIADES II sa tmiem l-2020 biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-miżuri u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-kummissjonijiet tax-xmajjar u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, tiżviluppa programm tali li jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:
- il-manutenzjoni, ir-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura; inkluż portijiet;
 - strateġija ta' implimentazzjoni għall-modernizzazzjoni tal-flotta u l-iżvilupp teknoloġiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-prestazzjoni, l-effiċjenza u s-sikurezza ambjentali;
 - l-iżvilupp ta' riżorsi umani, inkluż it-taħriġ u l-kwalifiki;
 - iż-żamma ta' livell ekwu u ta' kondizzjonijiet soċjali ġusti fil-fruntieri tal-Unjoni u lil hinn minnhom;
 - strateġija ta' implimentazzjoni għad-diġitalizzazzjoni (p.eż. il-ġenerazzjoni li jmiss ta' Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS), ċertifikati elettroniċi tal-Unjoni, reġistri tas-servizz, logbooks u dokumenti tat-trasport elettroniċi);
 - miżuri għat-titjib tal-kompetittività tas-settur u l-osservazzjoni tas-suq;
 - l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà ma' mezzi ta' trasport oħra, **kif ukoll riċerka u żvilupp fil-qasam tal-awtomatizzazzjoni;**
 - [...] **l-appoġġ** għall-kooperazzjoni ma' korpi u organizzazzjonijiet internazzjonali **u fi** **ħdan attivitajiet intergovernattivi** fil-qasam tan-navigazzjoni interna.

- (3) JINNOTA li l-proġetti tal-FP7 Platina u Platina II jiffaċilitaw ħafna l-implimentazzjoni ta' NAIADES u NAIADES II, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiffaċilita ulterjorment proġetti ta' koordinazzjoni innovattivi sabiex tiġi salvagwardjata l-implimentazzjoni tal-programm.
- (4) JAGĦRAF l-eżitu tal-proġetti ta' riċerka u żvilupp kemm mill-programm FP7 kif ukoll mill-programm H2020, li taħtom ġew stabbiliti kunċetti ddedikati għall-ekoloġizzazzjoni tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u JINDIKA l-ħtieġa għal aktar proġetti ta' riċerka f'dan il-qasam u għal introduzzjoni kkoordinata u strateġija ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tar-riżultati tar-riċerka.
- (5) JINNOTA li programm ta' segwitu jkun jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni armonizzati tal-qafas legali eżistenti u l-iżvilupp ulterjuri tar-regoli u l-istandards komuni, b'mod partikolari b'appoġġ għal aktar modernizzazzjoni u innovazzjoni. JAGĦTI PARIR f'dan il-kuntest li l-kompetenza esperta u l-esperjenza ta' CESNI għandhom jiġu użati mhux biss fil-qasam tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-kwalifiki professjonali, iżda fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni wkoll, inkluż l-RIS u oqsma oħra bħall-ġbir ta' data dwar inċidenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-livell Ewropew, sabiex jittejbu r-regoli u l-istandards fejn meħtieġ.
- (6) JISSOTTOLINJA l-importanza tal-iżgurar tad-disponibbiltà ta' mezzi finanzjarji adegwati, bħal għotjiet, biex jiġi implimentat il-programm ta' azzjoni NAIADES II attwali u l-programm ta' segwitu futur, mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.
-